MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 627/2014

**Piu Borg u Carmen Borg (detenturi tal-karti tal-identita` bin-numri 499750(M) u 131050(M) rispettivament**

**vs**

**Daniel Orsini (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 80270(M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors mahluf tal-atturi Piu Borg u Carmen Borg datata 14 ta’ Lulju 2014, fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu Piju Borg (detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 499750 (M)) kkonferma: -

Illi permezz ta' kuntratt ta' bejgh ta' nhar it-30 ta' Jannar 2012 fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dokument “PB 1”, l-esponenti xtraw u akkwistaw minghand Ines Calleja l-porzjon diviza ta' art tal-kejl ta' cirka elf sitt mija u disghin metri kwadri (1690 m.k.) jew b'li fiha, formanti parti mill-ghalqa Ta' Ghar Sidi tal-Hawli, il-Birgu, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, u tikkonfina mill-Punent ma' beni tal-venditur, Lvant u Nofsinhar ma' beni tal-familja Tabone jew irjieh verjuri, bis-servitu` kontinwu, gratuwitu u ininterrott, ta' passagg minn Triq San Dwardu b'kontinwazzjoni ma' *plot* immarkat bin-numru tnejn (2) u b'kontinwazzjoni ma' *plot* immarkat bin-numru tlieta (3) immarkat bl-ahdar fuq il-pjanta annessa ma' l-imsemmi att u mmarkata bl-ittra "A". Il-porzjon art akkwistata mill-esponenti hija delinejata bil-kulur ahmar fuq l-istess pjanta. Inkluz fl-istess bejgh, il-vendittrici ittrasferiet lill-esponenti kwalunkwe drittijiet personali u reali li hija kellha fuq il-passagg iehor ezistenti minn Triq San Dwardu bi prolungament mal-Lvant, ma' genb l-ghalqa trasferita bis-sahha ta' l-istess att. Il-porzjon diviza ta' art giet trasferita libera u franka, minn kull cens jew piz, minn kull dritt reali u personali favur terzi, bil-pussess liberu u vakanti;

Illi minkejja illi l-konvenut ma ghandu l-ebda drittijiet fuq il-proprjeta` akkwistata mill-esponenti u fuq il-passaggi msemmija, huwa qieghed juza u jokkupa t-tieni passagg hawn fuq imsemmi cieo` l-passagg iehor ezistenti minn Triq San Dwardu bi prolungament mal-Lvant, ma' genb l-ghalqa trasferita bis-sahha ta' l-att hawn fuq imsemmi - li ghal kull bwon

fini qieghed jigi mmarkat bil-kulur celest fuq il-pjanta annessa ma' l-att ta' akkwist - minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi u dana, fost affarijiet ohra, billi qieghed jghaddi, juza u jokkupa l-istess passagg anke billi, fost affarijiet ohra, jrabbi klieb, fetah bibien u waqqaf strutturi;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha fil-ligi *ai termini* tal-artikolu 167 *et seq*. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex il-konvenut ma ghandux titolu validu fuq il-passagg imsemmi u fil-fehma ta' l-esponenti l-konvenut ma ghandu l-ebda difiza xi jressaq ghat-talba ta' l-esponenti;

Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;

Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qeghdin hawn jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddeciedi l-kawza skont it-talba bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2 Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut qieghed jokkupa l-passagg iehor ezistenti minn Triq San Dwardu bi prolungament mal-Lvant, ma' genb l-ghalqa trasferita bis-sahha ta' l-att hawn fuq imsemmi - li ghal kull bwon fini qieghed jigi mmarkat bil-kulur celest fuq il-pjanta annessa ma' l-att ta' akkwist - minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi kif hawn fuq spjegat;

3 Tordna lill-konvenut jizgombra mill-istess passagg hawn fuq imsemmi u dana entru zmien qasir u perentorju li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan il-ghan.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt in subbizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta' Settembru 2014 fil-11:00am.

Rat illi l-intimat gie notifikat bir-rikors, bid-digriet u d-dokumenti fis-6 ta' Awwissu 2014, u dan kif jidher *a tergo* ta' fol 11 tal-process, u li minkejja li gie notifikat baqa' ma ressaq l-ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta' Settembru 2014 fejn meta ssejjah il-kaz deher ir-rikorrent Piu Borg assistit minn Dr. William Cuschieri. L-intimat Daniel Orsini msejjah tliet darbiet ma deherx. L-intimat gie notifikat fis-6 ta' Awwissu 2014 kif jirrizulta mir-riferti *a tergo* ta' fol 11 u 12 tal-process u ghalhekk huwa kontumaci. Xehed bil-gurament ir-rikorrent Piu Borg, liema registrazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr. Cuschieri ddikjara li ma fadallux aktar provi u talab li din il-Qorti tiehu konjizzjoni tas-sentenza deciza fit-23 ta' Ottubru 2013 (PA) fl-ismijiet **Daniel Orsini vs Francis Xavier *sive* Frank Calleja et**. liema kawza kienet giet appellata u marret dezerta, billi ma gietx imhallsa l-kawtela. Dr. Cuschieri ghandu jipprezenta fi zmien ghaxart ijiem (10) minn dan id-digriet kopja tad-digriet tal-Appell fejn permezz taghha jindika li l-Appell mar Dezert. Dr. Cuschieri minn issa talab l-abbrevjazzjoni tat-terminu ghall-prezentata tar-rikors tal-appell *stante* illi l-konvenut jew nies inkarigati minnu qed joholqu inkonvenjent

serju fl-operat tan-negozju tal-atturi apparti l-kwistjoni li l-konvenut m’ghandux titolu. Il-Qorti tiddisponi dwar din it-talba fis-sentenza finali li ghandha tinghata fis-27 ta’ Novembru 2014 fid-9:30a.m.

Rat in-nota ta' l-atturi Piu Borg u Carmen Borg datata 7 ta’ Ottubru 2014 a fol 20 tal-process li biha filwaqt li jaghmlu referenza ghall-verbal ta' l-udjenza ta' nhar it-30 ta' Settembru, 2014 qeghdin jezebixxu kopja tal-verbal ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ta' l-udjenza ta' nhar id-19 ta' Mejju, 2014 fl-atti tal-kawza li kellha r-rikors mahluf bin-numru: 845/2011/JA fl-ismijiet **Daniel Orsini vs. Francis Xavier *sive* Frankie Calleja et** fejn l-appell interpost mill-konvenut f’din il-kawza, Daniel Orsini, gie dikjarat dezert billi ma giex kawtelat skont il-ligi.

Rat ir-rikors ta’ Daniel Orsini datat 14 ta’ Novembru 2014 a fol 22 tal-process fejn l-esponenti talab bir-rispett illi in forza ta' dak kollu sueccepit, din l-Onor Qorti tatih il-fakulta` sabiex fis-seduta li jmiss tas-27 ta’ Novembru 2014, huwa jinghata l-opportunita` li jiggustifika l-kontumacja tieghu biex jekk ikun il-kaz il-Qorti tawtorizzah ukoll sabiex jikkontesta t-talba tar-rikorrenti konjugi Borg u jressaq il-provi kollha tieghu; u l-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro parti li kellhom iwiegbu fid-differiment li kien imiss, u issospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza; dan kif jidher bid-digriet tal-Qorti moghti fl-24 ta’ Novembru 2014 a fol 25 tal-process.

Rat ir-risposta tal-attur datata 15 ta’ Dicembru 2014 a fol 28 tal-process fejn ghar-ragunijiet kollha imsemmija fl-istess risposta, it-talba tal-konvenut ghandha tigi michuda bl-spejjez kontra tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-3 ta’ Frar 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. William Cuschieri ghall-atturi, prezenti fl-Awla l-attur Piu Borg, u Dr Frank Cassar ghall-konvenut Orsini prezenti. Xehed bil-

gurament il-konvenut Daniel Orsini liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghas-17 ta’ Marzu 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi bir-rikors tieghu tal-14 ta' Novembru 2014 il-konvenut fil-kawza talab li jinghata l-opportunita' biex jiggustifika l-kotumacja tieghu u jigi awtorizzat li jressaq risposta guramentata sabiex jikkontesta t-talbiet tal-atturi. Dan ir-rikors gie pprezentat meta il-kawza kienet gja thalliet ghas-sentenza u r-rikorrent odjern jghid li kien biss ftit qabel li pprezenta r-rikors tieghu li sar jaf li kien hemm kawza pendenti. Il-Qorti ghalhekk issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jinghata l-opportunita` li jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Illi skont l-**Artikolu 156 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta’ Malta l-legislatur fisser ir-rekwiziti tar-rikors guramentat fosthom:-

*"(1) (d) f’kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b’ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioe` minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-*

*deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."*

***L-Artikolu 158 (10)*** *tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi:-*

*"(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub*

*biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."*

Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo"*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn*

*li tigi pruvata kawza gusta;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*

*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat*

*ghall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali."*

Fil-kawza fl-ismijiet "***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd***", deciza fit- 28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet izda li :-

*"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja*

*huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-presenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni*

*u Proceduräli Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola*." (Ara wkoll "**Vella pro et nomine v. Vella",** Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II –170); **"Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici,"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, **"Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** "deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)

Illi fir-rikors tieghu, r-rikorrent sostna li gie notifikat fl-edifizju tal-Qorti mill-Marixxall Emanuel Stivala waqt li kien fl-Awla 12 fejn kien qed jattendi kawza ohra li kellu mal-attur. Basikament ir-raguni li qed igib il-quddiem biex jiggustifika listat tieghu hija li ma tax kaz tal-karti li rcieva ghaliex haseb li kienu jittrattaw l-istess proceduri kriminali. Kellu "*l-inqas hsieb tal-karti li kien ghadu kemm ircieva ghax qatt ma basar li kienet infethet kawza ohra kontrih fuq l-istess suggett."*

Dawn il-karti ntesew fil-but tal-glekk tieghu li qal li baghtu il-*laundry* minghajr ma rega' rahom "*ghax addirittura huwa nesihom"*. Gie a konoxxenza ta' dawn il-proceduri meta l-attur, akkompanjat bil-Pulizija, qallu li hemm kawza li kienet ser tigi deciza fis-27 ta' Novembru 2014.

L-atturi jopponu ghat-talba u jsejhu dan l-agir tal-konvenut nuqqas grossolan li ma jistax jiggustifika l-istat kontumacja. Jissottomettu li jekk hu agixxa "*bl-inqas hsieb"* u "*ghax qatt ma basar"* u addirittura nesa l-karti, dan kollu hu tort tieghu. Kif intqal fis-sentenza **Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia** (A.C. 16 ta' Frar 1996) "*F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun jemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghaliex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire'."*

Din il-Qorti hija konkordi mal-gurisprudenza l-aktar kostanti fil-materja tal-kontumacja billi l-konvenut irid jafferma kawza gusta sabiex jissana l-kontumacja tieghu. Kawza attribwibbli ghall-volonta' jew *culpa* tieghu mhix 'kawza gusta'.

Ir-rikorrent xehed quddiem din il-Qorti[1] u mix-xhieda tieghu jirrizulta li kien hemm aktar minn kawza wahda bejnu u l-attur odjern. Dan iwassal lill-Qorti tifhem li hu mhux ghal kollox gdid ghall-proceduri tal-Qrati. Ammetta li kien marixxall, ufficjal tal-Qorti, li ghaddielu l-inkartament tal-kawza. Jghid izda li "*qbadt il-karta u tfajtha - ittawaltilha hekk, u rajt li hija zgombru*".

Il-konvenut sejjah l-agir tieghu 'zball genwin' izda l-Qorti ma tistax taccetta li persuna tal-affari taghha tkun agixxiet b'tali non kuranza. Il-konvenut rcieva atti gudizzjarji minn idejn ufficjal tal-Qorti, addirittura fl-edifizju tal-Qorti, u fejn gja kellu l-avukat ta' fiducja accessibbli , u tal-imqar ma jaqrax dak li rcieva u javza lill-avukat tieghu li rcieva karti ohra. Il-konvenut stess ammetta li kien jircievi atti mill-Qorti tal-Magistrati, li kienu jigu notifikati b'ufficjal tal-Pulizija. Il-fatt li l-atti odjerni wasslulu permezz ta' ufficjal tal-Qorti, u mhux tal-pulizija, wahdu biss huwa bizzejjed biex jitfa' fid-dubbju il-verzjoni tieghu li haseb li rcieva karti fuq l-istess kaz (kriminali). Meta l-Qorti saqsietu jekk il-karti li rcieva kienux jixbhu lil dawk li kien jircievi mill-Qorti tal-Magistrati, l-ewwel wiegeb li ma fetahomx, imbaghad qal li kienet imkebba fi tlieta u qara l-ewwel bicca biss u tefaghha fil-but u ma kellimx mal-avukat tieghu.

[1] Seduta tat-3 ta' Frar 2014

Dan kollu hu ftit li xejn kredibbli u certament din il-Qorti ma tistax temmen li nesa' n-notifika li saritlu proprju minn ufficjal tal-Qorti, mhux *postman* regolari jew pulizija, imma marixxall liebes l-uniformi tal-Qorti li wiehed jistenna li jinduci lin-notifikat li jintnebah li qed jircievi xi haga serja u mhux tas-soltu.

Ikkonsidrat li r-rikorrent jghid li ghandu interess li jikkontesta din il-kawza. Izda dan mhux il-punt ghaliex altrimenti l-kontumacja dejjem tigi sanata awtomatikament malli l-konvenut iressaq talba f'dan is-sens b'turija tal-interess tieghu fil-kaz.

Izda s-sitwazzjoni guridika hija ben altru u l-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk tkun volontarja; (XXXVI.1.384) jew kolpuza; (**George Debono v Romeo Schembri** - App.Kumm. 4 ta' Frar 1972); u biex tigi ppruvata l-gustifikazzjoni jrid jintwera li hemm kawza gusta, (**Paul Grixti v Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici** - App.Civ.12 ta' Dicembru 1975); li tikkonsisti f'impediment legittimu (Vol. XXXVIII.I.393); indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci (XLII.I.811;XXXIX.I.1581). (Ara wkoll **Albert Mizzi v Emmanuel Navarro** - App.Kumm. 20 ta' Jannar 1986).

Ikkonsidrat li l-legislatur ipprefigga terminu perentorju ta' ghoxrin jum ghar-risposta guramentata u dan it-terminu m'ghandux jigi sovvertit b'leggerezza ghaliex altrimenti l-iskop kollu ghall-prefissjoni ta' terminu ghar-risposta jigi newtralizzat. Ghalhekk il-Qrati taghna dejjem u konsistentement sahhqu li l-impediment li jistrieh fuqu l-konvenut ghandu jkun wiehed legittimu. Dawn huma l-parametri stabbiliti u, fil-fehma tal-Qorti, ma jxejnux il-principju tal-*audi alteram partem* ghaliex dan il-principju certament ma jaghtix il-liberta' lil dak li jkun li jinjora l-ordnijiet u r-rispett dovut lill-Qrati taghna.

Illi frankament din il-Qorti tikkonsidra li ma kien hemm l-ebda "zball genwin" fil-kaz odjern imma traskuragni ingustifikabbli da parti tal-konvenut .

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad it-talba ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-intimat billi ma gabx ragunijiet tajba biex jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Iżda, fic-cirkostanzi partikolari tal-każ u b'applikazzjoni tal-**artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkoncedi lill-istess konvenut** żmien perentorju ta' wieħed u għoxrin (21) jum millum biex, jekk irid, iressaq Nota bl-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-mertu tal-azzjoni attrici.

**Bl-ispejjeż ta'din id-decizjoni kontra r-rikorrent odjern.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------